# IL ĦABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u aħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IS-6 TA JANNAR, 1914. NRU. 98.

*Inbiercu b'kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Aħbar.

Biex nibkgħu sejjrin chif aħna, il ĦABIB ħiereġ bil ġurnata ta għada: imma, billi għada festa iccmandata, jidher illum.

Fil 5 ta jannar, 1914.

ID-DIREZZIONI.

## Ħiel ta Betlemm

U TAN-NIES TA HEMM.

L'aħħar darba chelli ħsieb nicteb xi ħaġa fuk it-Tŭielid ta Gesù Tarbija, iżda ħadd jieħor sebakni. Jalla dejjem hecc.

Għaldakstant ħsibt u rajt li għallum nicteb xi ħaġa fuk Betlemm u fuk in-nies ta hemm. L'eŭŭel fuk Betlemm. Betlemm hia blejta fuk nakra ta għolja, ħelŭa u sabiħa chemm tridha minn barra. Taħt ir-riħ tagħha, hemm ŭied collu ħxejjex: mergħa tal imrieħel: igħidulu ŭied ir-rgħajja.

Ma dŭar Betlemm cull fejn tħares ma tilmaħx għajr siġar tal palm, żebbuġ u dŭieli, ir-raba hu micsi bil ħdŭra u ħuggieġa ŭaħda ta ŭard minn coll gens.

B'daŭn il fiuri ta Betlemm jaħdmu santi sbieħ ħafna. Għad li Betlemm minn barra hi gustusa ħafna, meta iżda tidħol fiha ma hi sabiħa xejn. It-torok tagħha dojok bût, collha ħaġar u stoffi, id-dajr coroħ, kisħom gozz għirien.

Betlemm iggib ma dŭar is-sitt elef ruħ, actarx collha Insara. Il biċċa il cbira tagħhom huma rgħajja, jeŭ bdieŭa. Hemm imbagħad ruxxmata seŭŭa jaħdmu fil madriperla, fil kroll u hecc. Daŭc ħŭejjeġ sbieħ, li jagħmlu! L'actar imbagħad praspuri tad-devozioni, bħallichiecu slaleb, curuni u hecc. Bħalma in-nies ta Gerusalemm iseŭdulec kalbec, hecc in-nies ta Betlemm iferrħuc, ihennuc, ifarrġuc. Tarahom iduru miegħec, nisa u rgiel, bniet u subien, bl'imħatra min ibegħlec tifchiriet ta hemm. Taf chemm huma ħelŭin, dħulin u minn tagħna.

Actarx barra mil għarbi jitchellmu bit-talian u il francis: u xi chelma bl'ispaniol iżellku ucoll. Ir-rgiel ta Betlemm actarx jilbsu bħal għarab l'oħra tal Palestina, jigifiert bis-sarŭan, b'buxacca tal ħarîr aħmar f'kaddhom, bit-türbant abjad imgħeżŭer ma rashom u bil pistoli fi ħziemhom.

In-nisa jilbsŭ xorta oħra min-nisa ta Nazaret u il bkija. Jgibulec dbielet ħomor tal ħarîr, tat-tajjar: u coss xi drabi caħlanîn ucoll. Ixiddu actarx ġlecc tas-sûf imżeŭŭak: f'rashom igibu bħal cappell għoli għandu mil mitra, u miegħu għandhom meħmuża muxtaxija bajjda nieżla għal fuk ŭiċċhom. U coss din il ħâlja ta mitra igibuha actarx in-nisa collha tal Palestina.

In-nisa Betlemmiti iħobbu idommu katigħ flûs tal fidda u xi ftit tad-deheb ucoll; u idendluhom f'għonkhom bħal ħannieka. Ŭidnejhom b'cull misluta daks hiex: biċċappetti f'idejhom: subgħajhom inċanati bil ħŭietem.

Dan hu bejn ŭieħed u jieħor il ħiel ta Betlemm u ta niesu. Darba' oħra jecc Alla irid nitchellmu mil għar, fejn tŭieled Sidna Gesù.

DUN XAND

## Għaliex jakilbu ?

*(Jakbad fuk il għadd 93)*

Għandna incunu nafu ħaġa, illi il klajja collha u il għideb collu contra il Fidi Cattolica, contra it-tagħlim taħħa, collha, collha sabu ir-risposta taħħom u mux darba u tnejn, imma eluf u eluf ta drabi, il għorrief cattolici ħaduha contra daŭn il klajja u għideb u ŭakkgħuħ; eluf u eluf ta drabi id-difficultajjet, l'obbiezzionijet magħmulin fuk it-tagħlim tal fidi, geŭ spiegati u maħlulin. Għadhom jissemmeŭ għaldakshecc daŭc il cbar fil għerf u il kdusija li iddefendeŭ bil chitba ir-Religion, li chixfu in-nases tal għedeŭŭa taħħa, li ureŭ il ġmiel tal verità tat-tagħlim taħħa. Min ma samax b'San Giustin, b'Origene, b'Tertullianu, b'San Ġŭann Grisostmu, b'Santu Ŭistin, b'Sant'Ambroġ, b'San Tumas u tant u tant oħrajn, veri xmux ta għerf li bid-daŭl taħħom ureŭ chemm hu icraħ id-dlam tal kerk, u chemm hu sabiħ id-daŭl tal verità, li ma tinsabx ħlief fir-Religion Cattolica ? U daŭc mill' antichi; xi ngħidu imbagħad għall għorrief li ma ilhomx mejtin u li għadhom ucoll ħajjin ? Bergier, Duroisen, Frassinvus, Perrone, Guenè, Ravignan, Segur, Gaume, Lacordaire, Felix, Valsecchi, Tassoni, Ventura, Franco, Nardi, Alimonda, Mozzella, Dillot u oħrajn li ħalleŭ cotba u opri mill'isbaħ fuk ir-Religion ma tant oħrajn, li chitbu mux għall għorrief biss, imma għall poplu ucoll, bħalma għamel l'imsemmi Mons: De Segur? Jen nistħajjel min igħidli, collox seŭŭa; imma min jista jakra daŭn l'opri cbar? Għall'opri cbar tajjeb, ngħaddiha; imma l'opri żgħar cullħadd jista' jakrahom. Min ma jistax jakra il cotba żgħar ta Mons. De Segur li jidħaddtu fuk collox, u specialment daŭc li juru x'in hu it-tagħlim protestant ? Min ma jistax jakra il ctieb ta P. Franco fuk li żbagli tal protestanti, jeŭ il catachismu tal Perseveranza ta Mons. Gaume, li issa kiegħed isir bil malti mil Kassis ħaddiem u għaref Dun Xand Cortis apposta, biex il maltin jitgħallmu ħafna ħŭejjeġ sbieħ fuk ir-religion ? Oħ chiecu jinkraŭ daŭn il cotba, chemm ŭieħed jitgħallem iħobb iżjed il Fidi tiegħu, chemm icun armat seŭŭa biex meta jidhirlu xi ħadd igħidlu xi ħaġa fuk il Cnisja u it-tagħlim taħħa, idokkhomlu, jigifieri iċieġbu chif jixrak u juriħ li il ħmar ma hux min jinsab fil Cnisja Cattolica; imma min ħareġ barra minnha; għax min jinsab fil Cnisja Cattolica, jinsab fuk is-sħiħ u fuk il blat, u min ħareġ barra minnha ma jafx fejn hu, fejn hu sejjer, x'jibda jemmen, x'jibda jagħmel, kisu rixa tittajjar l'haŭn u l'hinn fir-riħ, sachemm taka fl'ilma li icun għaddej minn xi canal u dan isukha miegħu u iŭassalha fejn jisbocca collox għall baħar. Nakraŭ, immela, daŭn il cotba, u naraŭ chif li studiu tar-Religion, mhux biss ma idejkilniex kalbna u iffarraġna, imma iġagħalna inħobbu dejjem iżjed il Fidi tagħna, nibżgħu għaliha u ngħixu u immutu fiha, il għaljex cull min ħalliha u telakha u kaleb, ħalliha l'eŭŭelnett għax ma chienx jaf x'in hi, għax ma studiahiex. Infittxu, iva, nistudiaŭ u nitgħallmu il ħŭejjeġ tal Fidi tagħna billi nisimgħu il priedchi, billi nakraŭ cotba tajbin; niftacru li mita għandna il mezzi f'idejna u ma nisserveŭx bihom, irridu natu cont ll'Alla talli ittrascurajnihom. X'nistenneŭ aħna, li il għedeŭŭa tal Cnisja tagħna imorru huma juruna il ġmiel tas-Religion tagħna? Daŭna imakdrŭhielna jafu, u għalhecc huma imħallsin biex imakdruhielna; imma mita jidhru kuddiemna u isibuna mgħallmin seŭŭa fuk il ħŭejjeġ tal Fidi, insoddulhom ħalkhom u nuruhom li ma jafu xejn, u li huma jinsabu fid-dlam, u forsi b'risposta f'ŭaktha li natuhom jirnexxilna nifthulhom għajnejhom għad-daŭl tal verità. Niftacru x'kal il għaref Bacone: «li għerf żgħir ibegħdec mir-Religion, għerf cbir iresskec lejha;» u chellu ragiun, il għaliex min hu intis seŭŭa fuk il ħŭejjeġ tal Fidi tiegħu, dan ictar ma imur ictar iħobbha, ictar igħożżha, mentri min ŭara l'eŭŭel tkarbina, jeŭ ŭara xi żmien ieħor ħalla li jistudia ir-Religion tiegħu, dan jecc ma kalibx, jinsab fil periclu li jakleb; għax cull min kaleb nistgħu ngħidu li kaleb għax ma tgħallimx seŭŭa x'in hi ir-Religion Cattolica; għax, bħalma għedna kabel, in-nukkas tat-tŭemmin igħix bl'injuranza.

Il bkija għal darb'oħra.

DUN MANŬEL.

—Carmni (kalt.lha ommha), ersak... isma l'haŭn... għandi x'ngħidlec: jena sejjra immut, da'l ŭakt nħallic. U int, ja ħasra, tisfa ŭaħdec fost il kerk ŭaħxi u it-tiġrib kalil tad-dinja.

—Mamma tiegħi, x'ŭaħda din!...

—Binti, la taktgħalix cliemi... Int għadec ħalibec fi snienec; kis li tcun tifla tajjba, u tal għakal, la tagħmilha ma ħadd; in-nies għal-taparsi miegħec ħbieb u ikarrku bic; itbigħed mil ħżiena; agħraf ibża għal-ruħec; kis, binti, li giehec tgħożżu dejjem, u iżżommu sâfi minn cull tcasbir, għax ma hemmx għajb icbar mill: xebba tigi f'ilsnet in-nies. Tatini chelma li daŭn it-tŭissijet tiegħi iseħħu?

—Iva, ma, inŭegħdec u naħliflec li nagħmel cullma għedtli u bih ŭiddibtni (ŭiegħbet Carmni, ŭakt li infexxet tolfok b'kalbha micsura, u tbus l'ommha u tgħannakha maħħa).

Ŭakfu iħarsu ċass lejn xulxin bi ħleŭŭa u mogħdrija cbira, u damu hecc katieħ, mingħajr ħadd minnhom it-tnejn ma tniffes: għal siegħa u iżjed ġô dic il għorfa ma chienx jinstama għajr in-nifs kasir tal imsejcna mara li chienet u collox bdietilha il ħurħara, chif ucoll it-tnehid u il-lfik tat-tifla. Is-sura tal ŭaħda u l'oħra chienu jicsrulec kalbec u jisiltulec id-dmuħ minn għajnejc!

Sa fl'aħħar, Baldisca kabżet kaltilha bit-tbatija:—La taktgħalix kalbi, issa li da'l ŭakt toħroġ ruħi u inŭelli, Carm... cun af li missierec mhux mejjet, bħalma dejjem għeżŭirtlec u ġagħaltec temmen; u jecc aħna ninsabu mifrudin minnu, jen il ħtija ta collox... Hemm-geŭ, f'dac il caxxun, għandec issib ittra magħluka. Malli immut, int ħudha dic l'ittra, erfaħħa għandec u għożżha tajjeb għax tcun tisŭielec. Mur Malta, istaksi għall...

Il marida ma setgħetx tissocta; tatha tkaħkiħa, tefgħet tefgħa demm minn sidirha, siltet carba, sfaret bħal karsa tax-xama, għajnejha għamlu iż-żlieġa, u f'chemm ilni ngħid raddet l'aħħar nifs u marret għand Alla.

Carmni ħarset lejn ommha bħal miblugħa; imbgħad ŭerżket tŭerżika tal biża, u infexxet f'bichja cbira.

***

Intant l'ajru raġa issaffa u ibbnazza żejt. Il cŭiecheb chienu jiddu f'ŭiċċ is-sema bl'isbaħ għaxka, u f'dac id-difa raxx daŭl ta kamar li chien għadu chemm feġġ minn ŭara l'għolja ta Xambrè, bida jilma dlonc għall geŭŭa l'għorfa fejn chienet mixħuta il mejjta, ŭakt illi il kniepen tax-Xgħara u tan-Nadur instemgħu iddokku il *Paternoster*.

Fuk nofs in-nhar, żeŭġ deffiena il Baldisca ħaduha fiċ-Cimiteriu tar-Rabat li hemm ħdejn Santu Ŭistin. Bintha Carmni bakgħet sejjra bil-mixi ŭara it-tebut t'ommha,u it-triek collha tibchi u tixher. Xħin ŭaslu,erba' zpapen trab; u barra bid-dakk. Ix-xbejba nxteħtet fis għar-rcopptejha fuk il kabar, tolfok u titniehed addoċċ,bla ma ħadd chien sata isabbarha:

—Ommi l'għażiża, għaliex ħallejtni... ma naracx iżjed... ommi, ruħi, kalbi, mischina chemm batejt f'għomroc! ... U x'nagħmel issa jen, ŭaħdi, ŭaħdi!

Il ħin chien għaddej ġmielu,ix-xemx għàbet għal-collox, id-dlam bida iroxx, l'ajru tbagħbas minn ġdid, u is-sirda chiesħa għal-meŭt. Il pŭieni li ħasset dic l'imsejcna ta tìfla ma ifissirhom ħadd. F'dac is-schiet ta fil għaxija, f'daŭc il ħinijet li iseŭŭdulec kalbec, hi-u-tiġġiera ma tûl daŭc l'okbra ħiemda, cont tistħajjilha, bejn ħajta daŭl u dlam, xi ruħ tal Purgatoriu.

Peppi id-deffien resak lejha u kalilha bil ħleŭŭa:—Sieħba, il ħin għamel, għoddu dalam ċappa, jaħtiegilna naħorġu u nakflu...

Hi ħarset lejħ, bla ma chelmitu xejn. Katgħet fergħa tal langis u marret xeħtitha fejn difnu l'ommha.—Ma, sejjra natic l'aħħar tislima (kalet Carmni bejn tnehida u oħra); u ħarget minn hemm-geŭ donnha ras maktugħa. Bakgħet sejjra lejn il għorfa ta Għansielem. Iżda, ŭara ftit li ŭaslet, krib siegħa lejl, tisma il bieb iħabbat. Chienet ŭaħda mara bir-razzet li tgħammar f'daŭc li nħaŭi; u marret tgħidilha li, billi chienu ilhom ħafna żmien ma iħallsu ħabba tal chira, issa dic id-dar, sidha criha lil ħaddiehor bil flus kuddiem, u min criha irid igorr u jigi jokgħod fiha il-lejla kabel għada. Din il bxara chienet għall Carmni bħal dakka ta sejf ġô nofs kalbha.

Fhiex chellha issib ruħha, msejcna li hi! U il għaliex il meŭt ma gietx u ġabritha ma ommha lilha ucoll! Fejn sejra takbad tmur? X'tagħmel issa mingħajr ma għandha lokma ħobż ħalli tistejker, mingħajr ma għandha fejn iddaħħal rasha, mingħajr ma taf il ħadd?

Il lejl collu għaddietu tibchi u issejjaħ ta sicŭit lil għażiża ommha li tilfitha għal dejjem.

***

Sebaħ l'għada; chien bard ikaxxar, u it-temp mgħajjar. Carmni ħadet l'ittra minn ġô 'l caxxun, tàt dakka ta għajn għal. l'aħħar darba ġô dic il cmajra, tefgħet ħarsa imbicchija lejn ir-rocna tas-sodda fejn chienet mietet ommha, u ħarget. Gibdet bil-lajma il-lajma lejn li-Mġarr: hemmec inzertat sabet dgħajsa ta Għaŭdex sejjra titlak għall Malta bit-tgħabija: hi resket dlonc fuk ŭieħed raġel mdaħħal actarx fiż-żmien, jismu Pupul ta Cotilda, mil Kâla, u talbitu bil ħniena biex chiecu jeħodha Malta għall' erŭieħ, peress li chienet fkira ltima u bla dinier.

Xħin ŭaslet ix-xatt tal belt, bdiet iddur il hinn u l'haŭn, u damet il jum collu chemm hu tŭil tiġġiera, iċcerches u tittallab fid-djar biex tara chiecu tidħolx man-nies.

Ħadd ma lakaħħa, ħadd ma taha ŭiden, collħadd iċċantaha minn ŭara biebu. L'imsejcna iggrunċata u mtertra bil bard, chif ucoll mejjta sobtu bil ġuħ, marret taħt il-Loġoġ, u nxteħtet cobba fuk it-taraġ tal Biblioteca.

Minn hemm u ftit incappa għaddej ŭieħed għani liebes bis-surtun u l' ingŭanti tas-suf, u mleffef tajjeb sa tarf ŭidnejħ, b' sigarru mkabbad f'ħalku, għadu chemm ħiereġ minn ħanut tax-xorb mil gŭappi. Ix-xebba tracu resket lejħ u kaltlu b'mistħija cbira:

—Sinjur, inħossni sejjra naka gozz bit-tŭieŭi li għandi fuki; ma niflaħx inżomm bil ġuħ... jaħasra, ħenn għalija!

—Akla l'hinn; mur, mur aħdem, ja biċċa ta għażżiena li int,—ċanfarha bil herra dac is-Sinjur, ŭakt li ħares lejha b'ħarsa ta żebliħ, u baka miexi għal xogħlu.

—Aħdem, aħdem, la ma issibx fejn!—tenniet ŭeħida ix-xebba b'kalbha maksuma.

It-telka u l'għejja għamlu biha għall'aħħar, il ġuħ dejjem jagħfas, in-ngħas għalibha, meddet rasha bejn idejha u rakdet.

L'għada ma tluħ ix-xemx stenbħet. Chiesħa bil bard, riedet chiecu titrejjak; telka fukha tal meŭt. Kamet minn hemmecc, u ftacret f'collma għadda minn għaliha aŭl-il-lejl.

Jaħtiegilha tiecol: iżda chif? mnejn? Gibdet lejn is-Suk, u bakgħet dieħla hemm titliegħek. Tilmaħ cannestru ħobż għadu gej sħun mil forn, li ŭieħed bejjeħ firex u perreċ fuk il mejda tar-rħam. Carmni telket tħares lejn dac il ħobż, u ir-riħa tfuħ tiegħu xokkitilha kalbha. Għal dakxejn ma tathiex għaxŭa; rasha bdiet iddur biha, meddet drieħha, u reġgħet gibditu l'ura minnufiħ, għax beżgħet.

—X'sejjra katt nagħmel b'idejja? Ngħaddi ta ħalliela, iva u mhux lè,—kalet hi collha mregħda. Ma riedetx tisrak, għax lill'ommħa chienet ŭegħditha li għandha tcun tifla tajjba u tal għakal għomorha collu.

Ħabtet titbigħed minn hemmecc, iżda reġgħet resket minnufiħ.

—Chiecu nieħu ħbejża, biex talankas intaffi il ġuħ li kiegħed jaħchimni bl'icraħ,— bdiet tgħid ġô kalbha b' rgħoda cbira. It-tŭila u il kasira ħarset ħarsa ma dŭarha, korbot actar lejn il mejda, xeħtet idha bil ħeffa geŭŭa il cannestru....

—Ħalliela, ħalliela, nstama leħen dicment igħajjat; u bilġri ŭieħed ġandarm lill'imsejcna xebba ħatafha u żammha minn drjeħha; imbgħad baka sejjer biha il għassa biex jaraŭ x'għandha ġô bŭietha.

Tistgħu taħsbu li fukha, xħin fittxeŭlha, għajr dic l'ittra issigillata ma sabulha xejn.

Li spettur fetaħħa u kabad jakra b'ġabra ta moħħ. Ŭara li dam ħusbien katieħ, xedd il beritta, ŭaddab l' ittra ġô butu, ħareġ bil għaġla, u baka dieħel ( bieb għal għatba ) f'ħanut ma genb il Korti. Kagħad bil kiegħda ma genb mejda, u sa chemm xorob chiccra cafè, ta' dakka ta għajn fuk chemm nies chien hemm ma dŭaru.

Xħin deherlu għameż lil ŭieħed ħabib jagħmilha tajjeb minn daru, ħarġu it-tnejn flimchien, u bakgħu dieħlin jitħadtu ġô 'l Chistlanija. Sa dan it-tant li spettur żerżaklu baxx baxx dic l'ittra f'idejħ.

L'ieħor kraha għal darba tnejn: telak iħares mibluħ issa lejn ix-xebba u issa jarġa jifli tajjeb b'għajnejħ dic l'ittra; fid-dakka u il ħin sar isfar meŭt, minn xfar għajnejħ gelbnet demgħa dakshiex, fetaħ dirgħajħ, għannak miegħu lix-xebba, ŭakt li kabeż kal jixher u jolfok: « Binti!... binti l'għażiża! »

Dac il flien chien missierha.

Għeluk sentejn fuk il meŭt ta ommha, il din Carmni insibuha f' ŭaħda mill'isbaħ djar li hemm Birżebbuġa, paċċafront il baħar, gaŭduta, fil hena, u ma jonkosha xejn. Missierha iħobbha mħabba tal genn.

Issa Carmni għalket it-tmintax il sena; donnha blanzun tal ŭard, u imbierec Alla trid tgħid! Xabrejn ilu iżżeŭŭget lill ŭieħed żagħżuħ galbat, mgħallem it-Tarzna, li jaklaħħa tajjeb, barra milli ŭiret ftit ilu minn dar niesu.

Ridt nistħarreġ; u leŭliemes smajt minn fommha chelma b' chelma daŭn il ġrajja li għaddeŭ minn fukha: chif ucoll tatni is-sensja biex din li storia li tbicchi insaŭŭarha fuk fuk, chif jidhirli jen, għall *Cotba tal Mogħdija taż-żmien*, li hì tħobb takra ŭisk bil kalb, u sicŭit tixtri bit-tużżani minn daŭn il cotba biex tkassamhom lin-nies.

Jien haŭn biddilt biss isimha.

Minn Birżebbuġa,
lejliet il Milied, 1912,
Dun Giużepp Farrugia.

---

Mil Lucerna tal Ħajja.—87. Li temmen f'Alla u li tibża' Minnu, jeŭ li tħobbu bla biża, huma ħŭejjeġ li ma jinfirdux minn xulxin.

---

## MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN.
### TAĦBIL IL MOĦĦ.




S. S.

L'aħħar Xarada chienet:
*Ka-la*—Kala.

Fissruha tajjeb: mil Belt,ir-Rev. Dun G.G. u is-Sur G. M. Grixti; miż-Żejtun, is-Sur Giuseppi Debono; u is-Sur S. A. A., li ma nafux min hu u minn fejn hu, għax ħalliena fil għama: imma naħsbu li hu Kassis *jokgħod* il Belt.